# PROFIL TAL-BEATA ADEODATA PISANI O.S.B.



Tereża Pisani twieldet f'Napli fl-1806 min-nobbli Malti Pisani Monpalau Custkeri u Donna Vincenza. Kienet l-unika bint u għalhekk werrieta tal-Barunija. Missierha wara t-twelid tagħha waqa' fil-vizzju tax-xorb, xalar u logħob ta' l-azzard. Kien għalhekk li ommha telqet mid-dar u li ċ-ċkejkna fdata fil-kustodja ta' nannitha f'Napli stess. Sfortunatament meta Tereża kellha 10 snin nannitha mietet u ommha daħħlitha f'kulleġġ li damet fih sa meta kellha 17-il sena. Fil-frattemp missierha nqabad priġunier u keċċewh lejn Malta. Wara xi żmien, l-omm u l-bint niżlu Malta u marru joqgħodu għand xi qraba. Hawn l-omm bħal kull omm oħra bdiet tagħmel l-almu tagħha biex lil Tereża żżewwiġha u hekk bintha tkun tista' tkompli d-dinastija tal-familja.

Tassew Tereża kellha tfulija u żgħożija mqallba ntortament. Iżda hi ma qagħditx tibki xortiha u tfittex ta' min hu t-tort għall-ħajja hekk diffiċli. Tereża minflok irrikorriet lejn il-Madonna tal-Buon Kunsill biex tilluminaha hi kif kellu jkun il-futur tagħha. Minflok ma fittxet iż-żwieġ bħala soluzzjoni għall-problemi li kellha irrikorriet f'riġlejn Marija. Meta mbagħad ħadet id-deċiżjoni ta'ħajjitha dik li tidħol soru tal-klawsura u tawha l-isem ta' Sor Adeodata baqgħet fidila għad-deċiżjoni li ħadet. Kienet żgura li l-Mulej se jgħinha fid-difikultajiet kollha li se tiltaqa' magħhom. Ma mmullatx meta bdew iħabbtu l-irwiefen kontrieha. Il-ġid materjali li kellha, bħal San Pawl missierna, għodditu bi knis ħdejn il-ġid kbir tal-għana spiritwali.

Fost il-virtujiet oħra f'Adeodata Pisani tispikka l-virtu' tal-perseveranza fl-għemil it-tajjeb. Kemm drabi aħna naslu biex niħduha saħansitra kontra l-pjan Divin minħabba l-problemi materjali li jkollna. Adeodata sa minn 'kunitha, ma għamlitx hekk, iżda minflok fittxet dejjem iżjed li togħġob lil Alla. Ħabirket dejjem biex f'ħajjitha tagħmel aktar ġid. Adeodata tgħallimna li għadna dejjem niġru fit-triq li għandna quddiemna biex nersqu dejjem aktar qrib ta' Kristu.